MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 212/2001/1

**Francis u Josephine konjugi Fenech**

**vs**

**Mark Montebello**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-16 ta' Marzu, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut li prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomibilistiku li sehh fid-19 ta' Ottubru, 2000, ghal habta tas-7.00 p.m. fi Triq Hal-Gharghur, Birkirkara, sehh b'tort uniku tal-konvenut

meta bi traskuragni, b'imprudenza, b'negligenza u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku l-konvenut baqa' diehel bil-vettura Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni IAO-929, fil-genb tal-vettura tal-marka Ford Escort numru tar-registrazzjoni AAG-371, proprjeta' tal-atturi u b'hekk ikkawzalha danni li ma jeccedux l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000), ihallas lill-atturi l-istess danni hekk likwidati anke permezz ta' perit nominat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz, sad-data tal-eventwali hlas – kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Hal-Gharghur, Birkirkara, fid-19 ta' Ottubru, 2000, fis-7.00p.m., bejn il-vettura tal-marka Ford Escort numru tar-registrazzjoni AAG-371 misjuqa minn Francis Fenech u il-vettura Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni IAO-929, misjuq mill-konvenut Mark Montebello, sehh b'tort esklussiv ta' l-attur Francis Fenech minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar- regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-istess Francis Fenech.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi konjugi Fenech.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-inkrocju ta' Tal-Balal Road ma' Gharghur Road limiti tan-Naxxar, ghal habta tas-sebgha ta' wara nofsinhar (7:00pm) bejn il-karrozza bin-numru tar-registrazzjoni

AAG 371 misjuqa mill-attur Francis Fenech u il-karrozza bin-numru tar-registrazzjoni IAO 929 misjuqa mill-konvenut Mark Montebello. Il-habta grat ezatt f'nofs it-triq.

Irrizulta mill-provi illi Francis Fenech kien gej mid-direzzjoni tal-Madliena, waqaf wara l-i*stop sign* u ried jesplora t-triq biex idur lejn il-lemin fid-direzzjoni tan-Naxxar. Il-konvenut kien hiereg minn Gharghur Road, waqaf wara l-i*stop sign* fejn illum hemm il-*Liquid Club* u esplora t-triq biex jaqsam Tal-Balal Road u jibqa' sejjer fid-direzzjoni tal-Madliena.

Jidher illi z-zewg sewwieqa ddecidew, fl-istess hin, illi t-triq kienet libera u setghu johorgu. Ghalhekk hargu, l-attur jigbed lejn il-lemin u il-konvenut dritt ghal nofs it-triq. L-attur jghid illi kien il-konvenut illi baqa' diehel fuq il-genb xellugi tal-karrozza tieghu, mentri l-konvenut jghid illi kien l-attur illi qasam minn quddiemu, ghafas il-*break* imma ma setax jevita l-incident.

L-attur jargument illi fil-hin ta' l-impatt huwa kien '*main road user*' u ghalhekk kien imiss lill-konvenut sabiex jistennih jghaddi qabel ma' jista' jkompli t-triq tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi ghandha x'ticcensura fiz-zewg sewwieqa. It-tnejn kienu qeghdin fi triq laterali u riedu johorgu fuq *main road* u ghalhekk kien kompitu taghhom illi jesploraw sew it-triq u ma johorgux qabel ma' jkunu certi illi jistghu jaqsmu triq principali minghajr periklu la ghalihom u l-anqas ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Veru illi waqt l-impatt, l-attur kien qieghed fuq il-*main road*, diga qabad it-triq tieghu lejn in-Naxxar. Dan il-fatt pero', ma kienx jintitolah illi ma jaghtix kaz x'kien qed jigri madwaru, aktar u aktar meta hareg minn triq laterali. Kif qalet il-Qorti tal-Prim Awla fit-23 ta' Gunju, 1997, fl-ismijiet Carmelo Saliba vs Gennaro Vassallo, l-fatt illi sewwieq qieghed juza triq ewlenija ma jintitolahx illi jqieghed lilu nnifs f'sitwazzjoni skabruza jew difficli biex jirreagixxi

ghal xi emergenza li tinholoq. Hawnhekk l-attur pogga lilu nnifsu f'sitwazzjoni skabruza meta dehrlu illi t-triq kienet libera mentri ma kinitx ghax in-naha l-ohra kien hemm ukoll vetturi illi kienu qed jaqsmu l-istess triq illi kien ser juza. Minkejja illi dak il-hin huwa kien qieghed fuq it-triq principali, dana ma kienx *main road user* fil-veru sens tal-kelma ghax huwa wkoll hareg minn triq laterali fejn allura kien jinkombi fuqu grad ta' diligenza u attenzjoni daqs tal-konvenut.

Kif qalet il-kawza Il-Pulizija vs Pawlu Borg (Vol XXXVI, part 1, pagna 797) "Ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sija jekk ikun fi triq dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa intuittiv u hu principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi illi driver li ser jidhol fi triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni illi huwa ser jaqsam l-i*stream of traffic* li jkun hemm fuq triq id-dritta; mentri driver fuq it-triq id-dritta ladarba jkun sejjer ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lil hadd."

Iz-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident, kienu ser jaqsmu l-i*stream of traffic*. Dan l-i*stream of traffic* jinkludi lilhom infushom u ma messhom qatt hargu minn triq laterali qabel ma' accertaw ruhhom illi dan setghu jaghmluh mighajr periklu ghal xulxin.

Fil-Qorti ta' l-Appell, f'sentenza moghtija fil-15 ta' Frar, 1974, fl-ismijiet H. Farrugia vs R. Ripard kienet qalet illi, "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karrozza dana jrid jara illi ma jkunx hemm traffiku mhux biss meta jibda' jaqsam imma sakemm jaqsam ghal kollox."

La l-attur u l-anqas il-konvenut ma accertaw irwiehhom illi setghu jaqsmu minghajr tfixkil ghal xulxin. Assumew illi kellhom id-dritta u qabdu u qasmu. Dana huwa hazin u il-Qorti jidhrilha illi z-ewg sewwieqa huma responsabbli ghal dan l-incident fi kwoti ugwali.

Ghal dak illi jirrigwarda d-danni, il-Qorti taghmel referenza ghal verbal tas-6 ta' Marzu, 2002, fejn il-partijiet iddikjaraw li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar dawn. B'nota a Fol

36 l-attur ipprezenta l-kont tieghu fl-ammont ta’ tmien mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm876.00).

Ghal dawn il-mottivi:

L-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tiddikjara illi dan l-incident sehh tad-19 ta’ Ottubru, 2000, fi Triq Hal-Gharghur, Birkirkara, sehh tort tal-partijiet fi kwoti ugwali minhabba traskuragni, imprudenza u negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ (Lm438.00) u konsegwentement tikundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz li ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija bazata fuq konsiderazzjonijiet erronei tar-rizultanzi processwali u wkoll naqset illi tiehu in konsiderazzjoni certi fatturi li rrizultaw mill-istess provi.

Minn dak sottomess mill-appellant huwa bil-wisq ovvju illi l-aggravju tieghu hu kritika tal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti konsegwit minn talba biex din il-Qorti ta’ revizjoni tissostitwixxi ghal kaz l-apprezzament taghha tal-provi ghal dik ta’ l-ewwel Qorti. F’appell bhal dan qajla hemm bzonn jigi kull dabra ripetut illi “hija prassi stabbilita u segwita minn din il-Qorti tal-Appell fin-nuqqas ta’ raguni jew ragunijiet gravi kemm jista’ jkun hija ma tiddisturbax dak l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti billi din tkun semghet il-provi hi u quddiemha jkunu gew prodotti l-istess provi tal-partijiet” – “**Frans Galea –vs- Alfred Brincat**”, Appell, 25 ta’ Frar 2000; **Grazio Patiniott et –vs- Anthony Cini et**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001.

Il-Qorti ezaminat il-fatti kif irrizultaw mill-provi biex tara jekk tabilhaqq jezistux ir-ragunijiet ta’ xi ingustizzja manifesta fil-mod kif l-ewwel Qorti evalwat il-provi, b’mod

li tkun tista' tissindika l-apprezzament li sar, izda hi konvinta illi l-provi prodotti ma setghux iwasslu ghal konkluzjoni xorta'ohra u diversa minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

F'din il-kawza jezistu zewg verzjonijiet u f'dan ma hemm xejn straordinarju f'materja ta' kollizzjonijiet. Ghandek, imbaghad, bhala element ta' prova indipendenti l-iskizz preparat mill-ufficjal li nvestiga l-kaz. Skizz li jaghti ideja kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt.

Mill-fatti rikapitulati jidher li z-zewg sewwieqa ddecidew li simultanjament johorgu minn fuq l-istop sign rispettiva taghhom. L-istess appellant jikkapsula dan il-fatt b'dan il-kliem: - “Dan (l-attur) kien wieqaf in-naha l-ohra u bhal ma hrigt jien, hareg hu” (fol 29). L-intenzjoni ta' l-attur kienet dik li jaqsam it-triq u jitla' l-fuq lejn il-lemin biex imur in-Naxxar. Invece l-konvenut appellant ried jaqsam it-triq biex jibqa' sejjer dritt lejn il-Madliena. Fil-perkors ta' dan kollu sehh l-incident. L-attur jattribwixxi t-tort lill-konvenut billi jsostni illi dan qabad u hareg lejn il-lemin u baqa' diehel fih (fol 17). Il-konvenut, ghal kuntrarju, jikkontendi illi meta wasal f'nofs it-triq l-attur ghadda ezatt minn quddiemu (fol 29).

Minn dan il-kwadru ta' fatti din il-Qorti tislet dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Huwa principju primarju illi min ikun ser jittraversa triq jehtieglu juza l-massima diligenza u vigilanza ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jaqsam it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku. Jehtieglu allura jkun cert u sigur illi tabilhaqq it-triq hi libera b'mod li kienet tippermettilu li jista' jibda, jkompli u jtemm il-manuvra li xtaq jaghmel bla ma jkun ta' xkiel ghal vetturi ohra. F'dan ma hemmx kwestjoni ta' min jilhaq l-ewwel jew ta' precedenzi izda tal-harsien tar-regoli; l-aktar dik tal-bon sens. Dan aktar u aktar fejn bhal f'dan il-kaz minn diskorsu stess l-appellanti seta' u fil-fatt ippreveda li l-attur seta hu wkoll johrog minn fuq l-istop sign fejn kien sost.

(2) Jidher evidenti illi l-appellant mhux qed japprezza l-fatturi li addossalu proporzjon ta’ kontributorjeta` ghall-incident. Dan qed jinghad ghaliex proprju jezistu ndikaturi ta’ fatt li kienu juru, u li s-sentenza attakkata korrettement identifikat, illi hu ma zammx dik li komunement tissejjah ‘a reasonable careful look-out”. Il-kondotta fis-sewqan tieghu ma kenitx tali illi hu kien il-hin kollu alert u konxju minn dak li kien qed jigri madwaru. Hemm imbaghad ir-res gestae kif jirrizultaw oggettivament mill-iskizz u l-elementi l-ohra accertati mill-provi li jikkompletaw il-kwadru ta’ din l-istess kondotta u li manifestament juru li hu ma hax il-kawteli necessarji, kif hekk kien obbligat jaghmel, meta gie biex jittraversa t-triq.
(3) Il-Qorti difficilment issib kif tista’ tirrikoncilja l-addebitu li l-attur appellat kien qed isuq fuq in-naha l-hazin tat-triq meta dan ma jirrizulta minn imkien mill-provi, mill-iskizz u mir-rapport.
(4) Huwa logiku illi f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku, l-Qorti ghandha tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu bl-applikazzjoni tar-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. Anke jekk allura, u dan qed jigi rilevat gratia argomenti biex tinghata twegiba lis-sottomissjonijiet tal-appellant, sewwieq ta’ karozza jkun qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq dan mhux necesarjament ikun responsabbli ghall-kollizzjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghaliha (**Vol XLVII pII p966**; “**Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001).
(5) Dan kollu evidentement ma jnaqqas xejn mir-responsabilita` tal-attur appellat li s-sentenza appellata sewwa identifikat tant li ghaliha l-istess attur issokkomba. Lil dan gie addebitat bi hrug intempestiv, minghajr proper look-out u bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat li jiehu.
(6) Hija ghalhekk ghal kollox f’lokha l-motivazzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi z-zewg sewwieqa ghandhom fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz jitqiesu responsabbli ghall-incident. Huma assumew hazin l-intenzjonijiet ta’ xulxin u fuq kollox naqsu li jaccertaw ruhhom li setghu johorgu bla diskapitu ghal xulxin.

(7) F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment. (Ara Kollezz **Vol XLVIII pI p59**).

In bazi ghas-suesposti konsiderazzjonijiet l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------